# L-MGDF tappella għal nies lesti jrabbu ġeru

Il-Fondazzjoni Maltija Klieb Gwida (MGDF) qegħda tagħmel appell għal familja f'Malta u Għawdex li jistgħu jiġu 'l quddiem u jrabbu ġeru ta' kelb gwida li meta jikber jitħarreġ biex isir kelb gwida b'mod sħiħ. Il-Fondazzjoni qiegħda tfittex ukoll nies li lesti jżommu ġeru għal ftit żmien meta l-familja li qegħda trabbi l-ġeru ikollha bżonn issiefer barra.

Bħal issa hawn 12-il kelb gwida li permezz tas-servizz tagħhom f'Malta u Għawdex dawk neqsin mid-dawl jistgħu jkunu indipendenti b'mod sħiħ fil-ħajja tagħhom ta' kuljum sew jekk hu meta jmorru mid-dar sal-post tax-xoghol tagħhom, sew biex jgħinuhom fil-qadjiet tagħhom ta' kuljum.

Dawn il-klieb gwida kollha xi darba kienu ġriewi li kellhom bżonn jitrabbew individwalment f'atmosfera ta' familja biex ilestu ruħhom għat-taħriġ serju ta' klieb gwida. Dan isir fl-Iskola tal-Klieb Gwida Helen Keller fiċ-Ċentru Reġjonali tal-Union tal-Għomja Taljani f'Messida, Sqallija.

"L-appell tagħna hu biex individwi u familji ġenerużi jiddedikaw ftit xhur intensivi biex jgħinu jrabbu ġeru li eventwalment isir l-imsieħeb ideali għal persuna nieqsa mid-dawl," qal Leone Sciberras, Ċermen tal-MGDF. "Dan jirrikjedi dedikazzjoni mingħaj interessi – kollox għal kawża onorabbli."

Ix-xahar id-dieħel l-Assoċjazzjoni tal-Klieb Gwida ta' Franza se tibgħat ġriewi tal-Labradors lejn Malta. Tnejn minnhom meta jikbru se jitħarrġu bħala klieb gwida u t-tielet waħda se titrabba biex hi stess ikollha l-griwi. Dawk interessati jrabbu l-ġriewi iridu jkunu nies li jħobbu l-klieb b'dedikazzjoni u li huma lesti jieħdu l-ġeru fid-dar tagħhom u jrabbuh għal perjodu ta' bejn disa' u għaxar xhur.

Dawk li jrabbu l-ġriewi se jaħdmu mas-supervisor tal-esperjenza tal-MGDF fit-trobbija tal-ġriewi u dawn se jitgħallmu ubbidjenza bażika u ħiliet fid-dar u fit-triq. Meta jibru, il-ġriewi jiġu assessjati jekk huma adatti biex imorru jitħarrġu bħala klieb gwida fi Sqallija.

Dawk li huma interessati jistgħu jniżżlu l-applikazzjoni minn www.blindmalta.eu.pn fejn iridu jagħtu dettalji fuq iċ-ċirkostanzi tal-familja tagħhom u kemm huma lesti jgħinu. Għal iktar dettalji ibgħat e-mail fuq info.mgdf@gmail.com, jew ċempel 79273311.

L-MGDF hi NGO reġistrata li għandu l-għan li joffri servizzi lil nies neqsin mid-dawl. Il-Fondazzjoni tagħti għajnuna u taħrig, fosthom fl-użu tal-bastun l-abjad, ħiliet ta' mobilità u orjentazzjoni, u klieb gwida li jgħinu dawk neqsin mid-dawl biex ikunu jistgħu jinteraġixxu fl-ambjent tagħhom ta' kuljum, itejbu l-ividwalità tagħhom u jiksbu indipendenza fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

– TMIEM –

Caption:





**Tnejna mill-ġriewi li trabbew minn familji dedikati f'Malta, Holly u Higgins, issa tħarrġu u fis-servizz ta' nies Maltin li huma neqsin mid-dawl**